# L-Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati

## MIN AĦNA

L-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati hija istituzzjoni liċenzjata, awtonoma, ta' edukazzjoni avvanzata (livell 4 tal-MQF, Numru tal-liċenzja 2021 – 008) imwaqqfa biex twettaq taħriġ u żvilupp professjonali ta' membri tal-Forzi Dixxiplinati li ġejjin: Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, il-Forzi Armati ta' Malta, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. L-Akkademja tiżgura li l-korpi dixxiplinati jkunu jistgħu jattiraw u jimpjegaw l-aħjar kandidati u tagħtihom l-opportunita' li jiżviluppaw ruħhom kontinwament. Permezz tat-taħriġ, l-Akkademja tippromwovi taħlita ta' ħiliet, għarfien espert, imġiba professjonali u attitudnijiet. Il-politiċi, ir-regolamenti u l-liġijiet li jirregolaw il-Forzi Dixxiplinati jippermettu lill-Akkademja tassisti fir-reklutaġġ ta' kandidati li japplikaw għal impjiegi mal-forzi u tipprovdi lir-rekluti b' taħriġ ta' induzzjoni. L-Akkademja tipprovdi wkoll taħriġ komprensiv biex taqdi l-ħiliet speċjalizzati ħafna meħtieġa fuq ix-xogħol u għal żvilupp professjonali kontinwu.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standards għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://academy.gov.mt/mt/overview-of-courses/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien (1) jum tax-xogħol, jew skont il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien (1) jum tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Meta żżur l-uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 5-10 minuti f'ċirkustanzi normali.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien (1) jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *adf@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometi ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 10 t'ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- Akkademja għall-Forzi Dixxiplinati, Triq l-Imqabba, Siġġiewi SGW 2606, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 07:15-15:30; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- *https://academy.gov.mt/mt/*
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *adf@gov.mt* - +356 2269 0000